livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 27th February, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People

Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (http://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħarraf illi minħabba l-organizzazzjoni tal-Public Service Expo Village 2026, iż-żona f'Ta' Qali biswit il-BOV Adventure Park immarkata bl-iswed fil-pjanta li tidher hawn taħt se tkun magħluqa għat-traffiku u ma jistax isir parkeġġ mhux awtorizzat nhar il-Ħamis, 21 ta' Mejju, 2026 u l-Ġimgħa, 22 ta' Mejju, 2026 mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. Vetturi pparkjati bla awtorizzazzjoni jiġu mneħħija.

It-13 ta' Frar, 2026

Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (http://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).


13th February, 2026

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Suspension of Traffic and Parking

The Office of the Principal Permanent Secretary notifies that due to the organisation of the Public Service Expo Village 2026, the area in Ta' Qali adjacent to the BOV Adventure Park marked in black in the plan shown below will be closed to traffic and unauthorised parking cannot take place on Thursday, 21st May, 2026 and Friday, 22nd May, 2026 from 5.00 a.m. to 2.00 p.m. Unauthorized unattended parked vehicles will be towed.

13th February, 2026



JOBSPLUS

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Jobsplus bejn l-1 ta' Lulju, 2025 u l-31 ta' Diċembru, 2025, skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi A.L. 352 tal-2016

It-13 ta' Frar, 2026

Nru ta' Referenza	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order	Isem tal-Kuntrattur	Data tal-għotja/ approvazzjoni	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT	Tul
Reference No.	*Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	*Contractor's Name*	*Approval/Award Date*	*Contract Value Excl. VAT*	*Duration*
DO/09/25	Direct Order for Monitoring Services	Charles Agius	17/07/2025	€69,470.96	Twenty-four (24) Months
DO/10/25 (EOI/ JP/01/25/1)	Medical Services to Jobsplus Clients	Dr Joe M. Pace	11/07/2025	€43,200.00	Forty-eight (48) months
DO/12/2025	Direct Order for Rainbow License/ subscription renewal	Comsec	16/07/2025	€18,360	Thirty-six (36) months
DO/13/2025	Direct Order for the Provision of forensic expertise for a litigation case against the Government of Malta	JS Held UK Ltd	11/07/2025	€60,500	Four (4) weeks
DO/15/2025	Direct Order for Messenger/Driver Services	Vincent Camenzuli	14/07/2025	€20,528.58	Fifty-two (52) weeks
DO/16/2025	Direct Order for Artificial Intelligence Services enhancements	EBO Limited	2108/2025	€85,000	Five (5) months
DO/18/2025	Direct Order for the Provision of Advisory Services related to Free Childcare Scheme	Grant Thornton	06/10/2025	€25,000	Six (6) months
DO/19/2025	Direct order for Services of a Transnational Partner for the ALMA 2026 programme	EduPlus Projects	19/12/2025	€38,200	Two (2) months
B13/2025	Direct Order for the Renewing Annual Subscription for 'ZOHO Desk Professional Edition' for 30 Agents for 1 year	Zoho Corporation BV	02/07/2025	€8,280.00	Twelve (12) months

JOBSPLUS

List of direct orders awarded by Jobsplus between 1st July, 2025 and 31st December, 2025, in terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations of L.N. 352 of 2016.

13th February, 2026

Nru ta' Referenza *Reference No.*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Data tal-għotja/ approvazzjoni *Approval/Award Date*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*	Tul *Duration*
B14/2025	Direct Order for the Spray Treatment for Pest and Rodent Control	Pext Ltd	04/07/2025	€5,985.00	Nine (9) months
B16/2025	Direct Order for consultancy and advisory services in relation to IT matters	Mr. Wayne Grixti	04/09/2025	€9,000.00	Ten (10) months
B17/2025	Direct Order for the Service Level Agreement of the Telephony System	Comsec Ltd	18/08/2025	€6,900.00	Thirty-six (36) months
B19/2025	Direct Order for December Networking Event	Double Tree Malta by Hilton	20/10/2025	€9,650.42	One (1) time event
B20/2025	Direct Order for an Online Payment System	Apcopay Limited	25/11/2025	€7,180.00	Twelve (12) months
B21/2025	Direct order for a Contract for Services for the Provision of DATA and BI Services with Mr Steven Farrugia	Mr Steven Farrugia	31/10/2025	€9,800.00	Twenty (24) months with twelve (12) month extension
B22/2025	Direct Order for Advisory Services for the drafting of the agreement with Childcare Centre Providers	Grant Thornton	17/11/2025	€10,000.00	Four (4) weeks
B23/2025	Direct Order for the Production of x6 episodes not longer than 3 minutes about Jobsplus Business including double page Interview/Article	Mediatoday.Co. Ltd	10/11/2025	€9,360.00	One (1) time purchase
B24/2025	Direct Order to purchase Childcare Safety Flooring for the Childcare Centre located within Jobsplus premises	De Valier Company Limited	19/12/2025	€8,804.73	One (1) time purchase and installation
B25/2025	Direct Order for the support of Mindworks for the Culture and Wellbeing Committee at Jobsplus	Mindworks Malta	24/12/2025	€9,900	Twelve (12) months

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf lill-pubbliku li ħadd ma jista' jipparkja fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin fit-toroq imsemmija:

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sal-10.00 p.m., f'sitt spazji ta' parkeġġ ħdejn Manuel's Household Store u z-zuntier tal-knisja fi Triq ir-Repubblika;

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., f'erba' spazji ta' parkeġġ fi Triq San Martin kantuniera ma' Triq il-Qadima;

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mid-9.00 a.m. sad-9.00 p.m., f'sitt spazji ta' parkeġġ ħdejn il-każin tal-Partit Laburista fi Triq San Pawl;

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m., f'erba' spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Pawl;

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mis-1.00 p.m. sad-9.00 p.m., f'erba' spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kbira;

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., f'sitt spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq ir-Repubblika;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, fi tnax-il spazju ta' parkeġġ fi Triq San Ġużepp u Vjal Santu Wistin kantuniera ma' Triq Santu Wistin;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, fi tmintax-il spazju ta' parkeġġ fi Triq Santu Wistin kantuniera ma' Vjal Santu Wistin;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., fi tliet spazji ta' parkeġġ quddiem Ta' Ġieżu fi Triq San Pawl;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mis-2.00 p.m. sat-8.00 p.m., f'erba' spazji ta' parkeġġ quddiem Ta' Ġieżu fi Triq San Pawl;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mid-9.15 a.m. sat-3.00 p.m., f'ħames spazji ta' parkeġġ fi Pjazza L'Isle Adam fi Triq Santu Wistin kantuniera ma' Triq San Ġużepp;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mid-9.30 a.m. sat-3.00 p.m., fi tmien spazji ta' parkeġġ fi Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq Santu Wistin;

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Rabat Local Council notifies that parking is prohibited on the following dates and times in the mentioned streets:

On Monday, 16th February, 2026, from 7.00 a.m. to 10.00 p.m., in six parking spaces near Manuel's Household Store and the church's parvis in Triq ir-Repubblika;

On Monday, 16th February, 2026, from 9.00 a.m. to 1.00 p.m., in four parking spaces in Triq San Martin corner with Triq il-Qadima;

On Monday, 16th February, 2026, from 9.00 a.m. to 9.00 p.m., in six parking spaces near the Labour Party's club in Triq San Pawl;

On Monday, 16th February, 2026, from 10.00 a.m. to 2.00 p.m., in four parking spaces in Triq il-Kbira corner with Triq San Pawl;

On Monday, 16th February, 2026, from 1.00 p.m. to 9.00 p.m., in four parking spaces in Triq il-Kbira;

On Monday, 16th February, 2026, from 3.00 p.m. to 9.00 p.m., in six parking spaces in Triq il-Kbira corner with Triq ir-Repubblika;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 7.00 a.m. to noon, in twelve parking spaces in Triq San Ġużepp and Vjal Santu Wistin corner with Triq Santu Wistin;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 7.00 a.m. to noon, in eighteen parking spaces in Triq Santu Wistin corner with Vjal Santu Wistin;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 8.00 a.m. to 8.00 p.m. in three parking spaces in front of Ta' Ġieżu in Triq San Pawl;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 2.00 p.m. to 8.00 p.m. in four parking spaces in front of Ta' Ġieżu in Triq San Pawl;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 9.15 a.m. to 3.00 p.m., in five parking spaces in Pjazza L'Isle Adam in Triq Santu Wistin corner with Triq San Ġużepp;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 9.30 a.m. to 3.00 p.m., in eight parking spaces in Triq San Ġużepp corner with Triq Santu Wistin;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mill-10.00 a.m. sas-6.00 p.m., f'ħames spazji ta' parkeġġ ħdejn il-każin tal-Partit Laburista fi Triq San Pawl;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mill-11.00 a.m. sat-3.00 p.m., f'sitt spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Pawl.

It-13 ta' Frar, 2026

KUNSILL LOKALI Ħ'ATTARD

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħ'Attard jgħarraf li nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, minn nofsinhar sal-10.30 p.m., parkeġġ se jkun projbit fl-ispazji ta' parkeġġ indikati bis-sinjali tan-'No Parking' fiż-żoni tal-parkeġġ ta' Triq il-Kbira, Triq il-Belt Valletta u Triq il-Mosta. Triq il-Kbira se tkun magħluqa wkoll fl-istess data u ħinijiet.

It-13 ta' Frar, 2026

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 26 ta' Frar, 2026.

Avviż Nru 1. Bejgħ tale quale ta' sit innumerat 2A Triq Nazzareno Sammut, Il-Qrendi kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.po2012_625_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,040 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta'għoxrin elf u erba' mitt ewro (€20,400) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 2. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru 2, Triq Ninu Cremona, L-Iklin, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.190_82_5_2. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu

On Tuesday, 17th February, 2026, from 10.00 a.m. to 6.00 p.m., in five parking spaces near the Labour Party's club in Triq San Pawl;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 11.00 a.m. to 3.00 p.m., in six parking spaces in Triq il-Kbira corner with Triq San Pawl.

13th February, 2026

Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħ'Attard Local Council notifies that on Monday, 16th February, 2026, from noon to 10.30 p.m., parking will be prohibited in the parking bays indicated by 'No Parking' signs in the parking area of Triq il-Kbira, Triq il-Belt Valletta and Triq il-Mosta. Triq il-Kbira will also be closed on the same date and times.

13th February, 2026

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Thursday, 26th February, 2026.

Advt No. 1. Sale tale quale of a site numbered 2A at Triq Nazzareno Sammut, Qrendi, as shown edged in red on the plan P.D.po2012_625_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,040 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty thousand and four hundred euro (€20,400) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 2. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop tale quale No. 2, at Pjazza Ninu Cremona, Iklin, as shown edged in red on plan P.D.190_82_5_2. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article

Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,490 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u mija u erbgħa u sittin ewro (€1,164) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-13 ta' Frar, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026.

ERU0602U26 – Medicinal
ERU0602U26A – Devices
ERU0602U26B – Devices
ERU0602U26C – Devices
ERU0902U26 – Medicinal
ERU0902U26A – Medicinal
ERU0902U26B – Medicinal
ERU0902U26C – Medicinal
ERU0902U26D – Medicinal
ERU0902U26E – Medicinal
ERU0902U26F – Medicinal
ERU0902U26G – Medicinal
ERU0902U26H – Medicinal
ERU0902U26I – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Frar, 2026

No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,490 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and one hundred and sixty-four euro (€1,164) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

13th February, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 16th February, 2026.

ERU0602U26 – Medicinal
ERU0602U26A – Devices
ERU0602U26B – Devices
ERU0602U26C – Devices
ERU0902U26 – Medicinal
ERU0902U26A – Medicinal
ERU0902U26B – Medicinal
ERU0902U26C – Medicinal
ERU0902U26D – Medicinal
ERU0902U26E – Medicinal
ERU0902U26F – Medicinal
ERU0902U26G – Medicinal
ERU0902U26H – Medicinal
ERU0902U26I – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th February, 2026

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026.

ERU1102U26 – Medicinal
ERU1102U26A – Medicinal
ERU1102U26B – Medicinal
ERU1102U26C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Frar, 2026

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mil-Kunsill Lokali Marsaskala permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026, għal:

Avviż Nru KLM2026/01. Provvisti – Xiri ta' vann li jaħdem kompletament bl-elettriku u mingħajr emissjonijiet, lill-Kunsill Lokali Marsaskala.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Frar, 2026

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 17th February, 2026.

ERU1102U26 – Medicinal
ERU1102U26A – Medicinal
ERU1102U26B – Medicinal
ERU1102U26C – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th February, 2026

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

The Marsaskala Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Marsaskala Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. of Monday, 16th March, 2026, for the:

Advt No. KLM2026/01. Supplies – Purchase of a fully electric van with zero emissions to the Marsaskala Local Council.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th February, 2026

KUNSILL LOKALI l-FGURA

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Fgura sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2026, għal:

Avviż Nru FGR/T/2026/01. Provvista u manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-e-procurement fuq (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokumenti tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-13 ta' Frar, 2026

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:

Quotations will be received by the Fgura Local Council up to noon of Friday, 6th March, 2026, for the:

Advt No. FGR/T/2026/01. Provision and maintenance of traffic signs and road markings.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-procurement website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation documents will be uploaded and available to view and download from this same website.

13th February, 2026

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Mosta sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026, għal:

Avviż Nru KLMT 01-2026. Żamma u manutenzjoni ta' parks, ġonna u soft areas fil-Mosta, b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-13 ta' Frar, 2026

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mosta Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Monday, 16th March, 2026, for:

Advt No. KLMT 01-2026. Upkeep and maintenance of parks, gardens and soft areas in Mosta, in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th February, 2026

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti se jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026, għal:

Avviż Nru BLC 01/2026. Provvista u manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq li jimmassimizzaw it-tul

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS till 10.00 a.m. of Monday, 16th March, 2026, for the:

Advt No. BLC 01/2026. Provision and maintenance of traffic signs and road markings with a maximised lifespan

taż-żmien li jservu waqt li jimminimizzaw l-impatti ambjentali assoċjati, għall-Kunsill Lokali Birkirkara.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew jitniżżlu mill-istess sit elettroniku.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Frar, 2026

while minimising associated environmental impacts, for the Birkirkara Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th February, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

358

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-9 ta' Ottubru, 2025, Rikors numru 915/2025, minn Alexandra Borg et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Joseph Coppini, Victoria Aras u Alexandra Borg ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Edward Coppini, guvni, iben il-mejtin Anthony Coppini u Mary née Scicluna, imwieled San Ġiljan, Malta, kien residenti San Ġiljan u miet l-Imsida, Malta, fil-25 ta' April, 2025, ta' 44 sena, u li kellu karta tal-identità numru 344880M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th October, 2025, Application number 915/2025, by Alexandra Borg et whereby they requested that it be declared open in favour of Joseph Coppini, Victoria Aras and Alexandra Borg brother and sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Edward Coppini, bachelor, son of the late Anthony Coppini and Mary née Scicluna, born in St Julian's, Malta, resided in St Julian's, Malta, and died in Msida, Malta, on the 25th April, 2025, aged 44, and who held identity card number 344880M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

359

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1111/2025, minn Sharon Fenech Richard et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rita Richard, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Sharon Fenech Richard u Vincienne Xuereb née Richard ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Joseph Mary

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th November, 2025, Application number 1111/2025, by Sharon Fenech Richard et whereby they requested that it be declared open in favour of Sharon Fenech Richard and Vincienne Xuereb née Richard children of the decujus in equal shares between them the succession of Joseph Mary Richard, husband of Rita Richard née Micallef, son of the late John Richard and

Richard żewġ Rita Richard née Micallef, iben il-mejjet John Richard u Carmela née Risiott, imwieled Bormla, Malta, kien residenti Raħal Gdid, Malta, and miet l-Imsida, Malta, fil-21 ta' Lulju, 2016, ta' 61 sena, u li kellu karta tal-identità numru 074655M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Carmela née Risiott, born in Cospicua, Malta, resided in Raħal Gdid, Malta, and died in Msida, Malta, on the 21st July, 2016, aged 61, and who held identity card number 0746554M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

360

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-28 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1115/2025, minn Shu Liu pro et noe, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Shu Liu, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Clayton Mazzitelli, Justin Mazzitelli, Dylan Mazzitelli, Miguel Mazzitelli, Nicole Mazzitelli u Celine Mazzitelli wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Alfred Mazzitelli, żewġ Shu Liu née Liu, bin il-mejtin Joseph Mazzitelli u Pauline née Darmenia, imwieled l-Imsida, Malta, kien residenti Pembroke, Malta u miet l-Imsida, Malta, fl-14 ta' Frar, 2025, ta' 62 sena, u li kellu karta tal-identità numru 185262M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 28th November 2025, Application number 1115/2025, by Shu Liu pro et noe, whereby they requested that it be declared open in favour of Shu Liu wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Clayton Mazzitelli, Justin Mazzitelli, Dylan Mazzitelli, Miguel Mazzitelli, Nicole Mazzitelli and Celine Mazzitelli children of the decujus in equal shares between them the succession of Alfred Mazzitelli, husband of Shu Liu née Liu, son of the late Joseph Mazzitelli and Pauline née Darmenia, born in Msida, Malta, resided in Pembroke, Malta and died in Msida, Malta, on the 14th February, 2025, aged 62, and who held identity card number 185262M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

361

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Awwissu, 2025, Rikors numru 725/2025, minn Paulina sive

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th August 2025, Application number 725/2025, by Paulina sive Pauline

Pauline Aquilina et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Paulina sive Pauline Aquilina mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Brian Aquilina u Emanuel Aquilina wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Victor Aquilina, żewġ Paulina sive Pauline Aquilina, bin il-mejtin Michael Aquilina u Catarina Aquilina née Grima, imwieled Birkirkara, Malta, kien residenti Birkirkara u miet l-Imsida, Malta, fl-4 ta' Marzu, 2025, ta' 70 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0825654M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Aquilina et, whereby they requested that it be declared open in favour of Paulina sive Pauline Auilina wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Brian Aquilina and Emanuel Aquilina children of the decujus in equal shares between them the succession of Victor Aquilina, husband of Paulina sive Pauline Aquilina, son of the late Michael Aquilina and Catarina Aquilina née Grima, born in Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta, and died in Msida, Malta, on the 4th March, 2025, aged 70, and who held identity card number 0825654M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

362

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Diċembru, 2025, Rikors numru 1123/2025, minn Carmen Sultana née Gauci, fejn tablet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmen Sultana, Raymond Gauci u Miriam Falzon ulied id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Maria Grazia Gauci née Mifsud, armla ta' Giuseppe Gauci, bint il-mejtin Antonio Mifsud u Caterina née Ellul, imwielda ż-Żejtun, Malta, kienet residenti Ħal Luqa, Malta, u mietet Ħal Luqa, Malta, fil-15 ta' Settembru, 2025, ta' 89 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0762035M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st December, 2025, Application number 1123/2025, by Carmen Sultana née Gauci whereby she requested that it be declared open in favour of Carmen Sultana, Raymond Gauci and Miriam Falzon children of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Maria Grazia Gauci née Mifsud, widow of Giuseppe Gauci, daughter of the late Antonio Mifsud and Caterina née Ellul, born in Żejtun, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 15th September, 2025, aged 89, and who held identity card number 0762035M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

363

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1063/2025, minn Nathalie Dimech et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Nathalie Dimech, Carmel sive Lino Farrugia, Maria Christine Grech u Mario Farrugia wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Maria Farrugia née Borg, armla ta' Vittorio Farrugia, bint il-mejtin Carmelo Borg u Carmela née Mercieca, imwielda l-Belt Valletta, Malta, kienet residenti San Pawl il-Baħar, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-1 ta' Awwissu, 2025, ta' 95 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0530730M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th November, 2025, Application number 1063/2025, by Nathalie Dimech et whereby they requested that it be declared open in favour of Nathalie Dimech, Carmel sive Lino Farrugia, Maria Christine Grech and Mario Farrugia children of the decujus in equal shares between them the succession of Maria Farrugia née Borg, widow of Vittorio Farrugia, daughter of the late Carmelo Borg and Carmela née Mercieca, born in Valletta, Malta, resided in St Paul's Bay, Malta, and died in Msida, Malta, on the 1st August, 2025, aged 95, and who held identity card number 0530730M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

364

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-16 ta' Ottubru 2025, Rikors numru 949/2025, minn Victor Michael Sultana et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Victor Michael Sultana, żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Sarah Sultana u Kenneth Sultana wlied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Lydia Sultana née Cortis, mart Victor Michael Sultana, bint il-mejtin Claudio Cortis u Victoria née Fenech, imwielda r-Rabat, Malta, kienet residenti Ħ'Attard, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fis-17 ta' Frar, 2024, ta' 72 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0745951M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th October 2025, Application number 949/2025, by Victor Michael Sultana et whereby they requested that it be declared open in favour of Victor Michael Sultana, husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Sarah Sultana and Kenneth Sultana children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Lydia Sultana née Cortis, wife of Victor Michael Sultana, daughter of the late Claudio Cortis and Victoria née Fenech, born in Rabat, Malta, resided in Ħ'Attard, Malta, and died in Msida, Malta, on the 17th February, 2024, aged 72, and who held identity card number 0745951M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

365

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-14 ta' Novembru 2025, Rikors numru 1083/2025, minn Vincent sive Vincent Anthony Ritchie, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Vincent sive Vincent Anthony Ritchie iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Vincenzo Ritchie, ġuvni bin il-mejtin Giuseppe Ritchie u Rosina née Zammit, imwieled l-Isla, Malta, kien residenti New York, l-Amerika, u miet Ħal Luqa, Malta, fid-29 ta' Settembru, 2019, ta' 85 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0070534M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th November 2025, Application number 1083/2025, by Vincent sive Vincent Anthony Ritchie whereby he requested that it be declared open in favour of Vincent sive Vincent Anthony Ritchie son of the decujus the succession of Vincenzo Ritchie bachelor, son of the late Giuseppe Ritchie and Rosina née Zammit, born in Senglea, Malta, resided in New York, America, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 29th September, 2019, aged 85, and who held identity card number 0070534M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

366

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Ottubru 2025, Rikors numru 899/2025, minn Mary Marquette née Pisani et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Marquette Pisani, Josephine Cardona, Rita Saliba, Eugenio Pisani, John Mary Pisani, Emanuel Pisani, Renaldo sive Aldo Pisani u Giorgina Colombo wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Anthony Pisani, żewġ Carmen née Diacono, bin Alphonse Pisani u l-mejta Catherine née Sultana, imwieled Tas-Sliema, Malta, kien residenti San Ġwann, Malta u miet Tal-Pietà, Malta, fil-20 ta' Ottubru, 1966, ta' 37 sena.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd October 2025, Application number 899/2025, by Mary Marquette Pisani et whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Marquette Pisani, Josephine Cardona, Rita Saliba, Eugenio Pisani, John Mary Pisani, Emanuel Pisani, Renaldo sive Aldo Pisani and Giorgina Colombo children of the decujus in equal shares between them the succession of Anthony Pisani, husband of Carmen née Diacono, son of Alphonse Pisani and the late Catherine née Sultana, born in Tas-Sliema, Malta, resided in San Ġwann, Malta, and died in Tal-Pietà, Malta, on the 20th October, 1966, aged 37.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 6 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

367

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 2025, fuq talba ta' Carmelo sive Karl Grima et ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Vincenzo u Antonio Cuschieri fl-atti taċ-ċedola numru 1254/2025 fl-ismijiet Carmelo sive Karl Grima et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1254/2025 fl-ismijiet Carmelo magħruf bħala Karl Grima, mhux miżżewweġ, iben Carmelo magħruf bħala Charles Grima u Josephine Grima née Micallef, imwieled Tal-Pietà fl-20 ta' Ottubru, 1982, u residenti f'nru 37, Chantilly, Triq il-Verdun, San Ġwann, detentur tal-karta tal-identità numru 607082M; Audrey Meli née Grima, miżżewġa lil Aldo Meli, bint Carmelo magħruf bħala Charles Grima u Josephine Grima née Micallef, imwielda San Ġiljan fit-28 ta' Lulju, 1972, u residenti fi Grimic, Triq Dun Karm, Birkirkara, detentriċi tal-karta tal-identità numru 354172M; Josephine Grima née Fenech, armla ta' Emanuele magħruf bħala Emanuel Grima, bint Michael Fenech u Victoria Fenech née Vella, imwielda n-Naxxar fid-22 ta' Jannar, 1946, u residenti fi 2, Triq Santa Luċija Sqaq Numru 9, in-Naxxar, detentriċi tal-karta tal-identità numru 132346M; Michael Charles sive Michael Grima, miżżewweġ, iben Emanuel Grima u Josephine Grima née Fenech, imwieled in-Naxxar fis-6 ta' Ġunju, 1966, u residenti fi 23, Rockdale, Triq il-Ġnien, in-Naxxar, detentur tal-karta tal-identità numru 239366M, għal kwalunkwe sehem, dritt, interess jew pretensjoni li għandu jew jista' jkollu fil-futur fuq il-proprjetà immobbli li qed tiġi mifdija; Fabian Paul sive Fabian Grima, miżżewweġ, iben Emanuel Grima u Josephine Grima née Fenech, imwieled San Ġiljan fil-30 ta' April, 1979, u residenti fi 8, Triq Santa Luċija Numru 9, in-Naxxar, detentur tal-karta tal-identità numru 257579M, għall-istess skop; Goffredo sive Jeffrey Grima, miżżewweġ, iben Emanuel Grima u Josephine Grima née Fenech, imwieled l-Imsida fl-11 ta' Mejju, 1969, u residenti fi 2, Triq Santa Luċija Sqaq numru 9, in-Naxxar, detentur tal-karta tal-identità numru 213469M, għall-istess skop; Giovanna magħrufa bħala Joan Cassar née Grima, mart Joseph Cassar, bint Carmelo Grima u Grazia Grima née Parnis, imwielda Tal-Pietà fl-4 ta' Settembru, 1950, u residenti fi 29, Triq il-Għiebja Rumana, iż-Żejtun, detentriċi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 17th June, 2025, following a request of Carmelo sive Karl Grima et it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown heirs of Vincenzo and Antonio Cuschieri, in the acts of the schedule of deposit number 1254/2025 in the names Carmelo sive Karl Grima et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

